MT

SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL

# Regoli għall-organizzazzjoni tal-proċedimenti tas-Summits taż-Żona tal-Euro



TESTI TA' REFERENZA

MARZU 2013

**Avviż**

Dan il-fuljett huwa maħruġ mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u huwa għall-finijiet ta' informazzjoni biss.

Għal kull informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, u s-Summits taż-Żona tal-Euro tista' tikkonsulta s-siti elettroniċi li ġejjin:

www.european-council.europa.eu
www.consilium.europa.eu
www.eurozone.europa.eu

jew tikkuntattja lid-Dipartiment ta' Informazzjoni Pubblika tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill:

Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Tel. +32 22815650
Fax +32 22814977
www.consilium.europa.eu/infopublic

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tista' tinstab fuq l-Internet (http://europa.eu).

Data ta' kkatalogar tista' tinstab fi tmiem din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-824-3905-0
doi:10.2860/93072

© Ritratti fuq il-qoxra:
Mopic – Fotolia.com; Servizz Fotografiku tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

© European Union, 2013
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors.

*Printed in Italy*

Stampat fuq karta bajda ħielsa kompletament mill-klorur elementari (TCF)

# Regoli għall-organizzazzjoni tal-proċedimenti tas-Summits taż-Żona tal-Euro

# Werrej

Introduzzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5

1. Avviż ta’ sejħa u post tal-laqgħat . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 7

2. Tħejjija u segwitu għall-proċedimenti tal-Kunsill taż-Żona tal-Euro . . . . . 7

3. Tħejjija tal-aġenda . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8

4. Kompożizzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro, delegazzjonijiet u t-twettiq tal-proċedimenti . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9

5. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 10

6. Dikjarazzjonijiet . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 10

7. Sigriet professjonali u produzzjoni ta’ dokumenti fi proċedimenti legali . . . 11

8. Segretarjat u Sigurtà . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 11

9. Emenda tar-Regoli . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12

10. Korrispondenza indirizzata lis-Summit taż-Żona tal-Euro . . . . . . . . . . . 12

Testi ta’ referenza

Dikjarazzjoni tal-laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro tas-26 ta’ Ottubru 2011 . . . 13

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18–19 ta’ Ottubru 2012 . . . . . . . . 26

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13–14 ta’ Diċembru 2012 . . . . . . . 38

# Introduzzjoni

Il-prinċipji gwida għat-twettiq tal-proċedimenti fil-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro[1] għandhom ikunu li jiżguraw it-trasparenza u l-effettività tal-metodi ta' ħidma, waqt li jippermettu lill-Membri tas-Summit taż-Żona tal-Euro l-kapaċità sħiħa li jiddiskutu bejniethom il-kwistjonijiet kollha ta' interess komuni għaż-żona tal-euro waqt li jirrispettaw id-drittijiet sostantivi u proċedurali tal-Membri l-oħra tal-Unjoni u waqt li jagħtu preferenza lill-metodi inklużivi kull meta jkun ġustifikat u possibbli.

Għall-punti ta' organizzazzjoni mhux deċiżi fir-regoli, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew għandhom jintużaw *mutatis mutandis* bħala sors ta' referenza.

---

[1] L-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG), *http://www.eurozone.europa.eu/euro-area/topics/treaty-on-stability,-coordination-and-governance-(tscg)/*, id-Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro tas-26 ta' Ottubru 2011 (ara p. 13) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej tat-18–19 ta' Ottubru 2012 (ara p. 26) u tat-13–14 ta' Diċembru 2012 (ara p. 38) huma rilevanti għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro.

# 1. Avviż ta' sejħa u post tal-laqgħat

1. Is-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena, imlaqqa' mill-President tiegħu. Il-laqgħat ordinarji tiegħu għandhom, kull meta huwa possibbli, isiru wara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew.

2. Is-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jiltaqa' fi Brussell, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-President u bi qbil mal-Membri tas-Summit taż-Żona tal-Euro.

3. Ċirkostanzi eċċezzjonali jew każijiet ta' urġenza jistgħu jiġġustifikaw derogi mir-regoli preżenti.

# 2. Tħejjija u segwitu għall-proċedimenti tal-Kunsill taż-Żona tal-Euro

1. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser jiżgura t-tħejjija u l-kontinwità tal-ħidma tas-Summit taż-Żona tal-Euro, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, u abbażi tal-ħidma ta' tħejjija tal-Grupp tal-Euro.

2. Il-Grupp tal-Euro ser iwettaq ħidma ta' tħejjija għal u jiżgura s-segwitu għal-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro. L-informazzjoni lill-Coreper għandha tiġi żgurata qabel u wara l-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro.

3. Il-President għandu jistabbilixxi koperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp taż-Żona tal-Euro, partikolarment permezz ta' laqgħat regolari, bħala regola darba fix-xahar. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew jista' jkun mistieden jipparteċipa.

4. F'każ ta' impediment minħabba mard, f'każ tal-mewt tiegħu jew tagħha jew jekk il-mandat tiegħu jew tagħha jintemm skont l-Artikolu 12 (1) tat-TSKG,

il-President għandu jiġi sostitwit, fejn meħtieġ sakemm sal-elezzjoni tas-suċċessur tiegħu jew tagħha, mill-membru tas-Summit taż-Żona tal-Euro li jirrappreżenta l-Istat Membru li għandu l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill, jew, jekk mhux applikabbli, l-Istat Membru bil-munità tal-euro li jmissu l-Presidenza tal-Kunsill.

## 3. Tħejjija tal-aġenda

1. Sabiex tiġi żgurata t-tħejjija prevista fir-Regola 2(1), il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu, tal-anqas erba' ġimgħat qabel kull laqgħa ordinarja tas-summit taż-Żona tal-Euro kif riferut fir-Regola 1(1), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-Euro, jippreżenta abbozz ta' aġenda annotat lill-Grupp tal-Euro.

2. Il-Grupp tal-Euro għandu, bħala regola, jitlaqqa' fi żmien ħmistax il-ġurnata qabel laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro biex jeżamina l-abbozz ta' aġenda u l-President tiegħu għandu jirrapporta l-eżitu tad-diskussjonijiet lill-President taż-Żona tal-Euro. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jippreżenta l-abbozz tal-aġenda lill-Kapijiet ta' Stat jew Gvern.

3. Meta l-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-TSKG, minbarra dawk li l-munita tagħhom hija l-euro, li rratifikaw it-TSKG, jipparteċipaw f'diskussjonijiet tal-laqgħat taż-Żona tal-Euro, dawn il-Partijiet Kontraenti għandhom jiġu involuti fit-tħajjija tal-laqgħat taż-Żona tal-Euro dwar il-kwistjonijiet riferuti fir-Regola 4(5) f'forma li trid tiġi deċiża mill-President taż-Żona tal-Euro.

4. Fil-bidu tal-laqgħa l-aġenda għandha tiġi maqbula mis-Summit taż-Żona tal-Euro, permezz ta' maġġoranza

# 4. Kompożizzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro, delegazzjonijiet u t-twettiq tal-proċedimenti

1. Is-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jkun magħmul minn Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom, flimkien mal-President tagħha u mal-President tal-Kummissjoni.

2. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi mistieden jipparteċipa.

3. Il-President tal-Grupp tal-Euro jista' jiġi mistieden jattendi.

4. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden sabiex jinstema'.

5. Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Partijiet Kontraenti, għajr dawk li l-munita tagħhom hija l-euro, li rratifikaw dan it-TSKG, għandhom jipparteċipaw f'diskussjonijiet tal-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro dwar il-kompetittività għall-Partijiet Kontraenti, il-modifika tal-arkitettura globali taż-żona tal-euro u r-regoli fundamentali li ser japplikaw għaliha fil-futur, kif ukoll, meta jkun xieraq u mill-inqas darba fis-sena, f'diskussjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni tat-TSKG.

6. Id-daqs totali tad-delegazzjonijiet awtorizzati biex ikollhom aċċess għall-bini fejn issir il-laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jiġi limitat għal 20 persuna għal kull Stat Membru u għall-Kummissjoni. Dak in-numru ma għandux jinkludi persunal tekniku assenjat ma' kompiti speċifiċi ta' sigurtà jew appoġġ loġistiku. L-ismijiet u l-funzjonijiet tal-membri tad-delegazzjonijiet għandhom ikunu notifikati bil-quddiem lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

7. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jkun responsabbli mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u għandu jiżgura l-iżvolġiment mingħajr xkiel tad-diskussjonijiet. Għal dak il-għan, il-President jista' jieħu kwalunkwe miżura li tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-aħjar użu possibbli tal-ħin disponibbli, bħall-organizzazzjoni tal-ordni li fih jiġu diskussi l-punti, il-limitazzjoni tal-ħin għad-diskorsi u d-determinazzjoni tal-ordni tad-diskorsi tal-kontributuri.

8. Il-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro ma għandhomx ikunu pubbliċi.

## 5. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro

1. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandu jinħatar mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeali li l-munita tagħhom hija l-euro b'maġġoranza sempliċi fl-istess żmien li l-Kunsill Ewropew jeleġġi l-President tiegħu u għal mandat tal-istess tul.

2. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro:

(a) għandu jippresjedih u jmexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu;
(b) għandu jfassal l-aġendi tal-laqgħat;
(c) għandu jiżgura t-tħejjija u l-kontinwità tal-ħidma tal-Summit taż-Żona tal-Euro f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u abbażi tal-ħidma tal Grupp tal-Euro;
(d) għandu jiżgura li l-ħidma tal-laqgħat kollha tal-Kunsill u dawk ministerjali tkun riflessa fit-tħejjija tas-Summit taż-Żona tal-Euro;
(e) għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew wara kull laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro;
(f) għandu jżomm lill-Partijiet Kontraenti tat-TSCG għajr dawk li l-munita tagħhom hija l-euro u lill-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea infurmati mill-qrib dwar it-tħejjija u l-eżitu tal-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro;
(g) għandu jippreżenta r-riżultati tad-diskussjonijiet tas-Summit taż-Żona tal-Euro lill-pubbliku, flimkien mal-President tal-Kummissjoni.

## 6. Dikjarazzjonijiet

1. Is-Summit taż-Żona tal-Euro jista' joħroġ dikjarazzjonijiet li jissintettizzaw il-pożizzjonijiet komuni u l-linji ta' azzjoni komuni, li għandhom jinħarġu għall-pubbliku.

2. Abbozzi ta' dikjarazzjonijiet għandhom jitħejjew taħt l-awtorità tal-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-Euro, abbażi tal-ħidma preparatorja tal-Grupp tal-Euro.

3. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu maqbula b'konsensus mill-Membri tas-Summit taż-Żona tal-Euro

4. Is-Summit taż-Żona tal-Euro għandu joħroġ dikjarazzjonijiet bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fuq proposta tal-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro, abbozz ta' dikjarazzjonijiet dwar materja urġenti jista' jiġi approvat permezz ta' proċedura bil-miktub, meta il-Membri kollha tas-Summit taż-Żona tal-Euro jaqblu li jużaw dik il-proċedura.

## 7. Sigriet professjonali u produzzjoni ta' dokumenti fi proċedimenti legali

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess pubbliku għal dokumenti applikabbli taħt id-dritt tal-Unjoni, id-deliberazzjonijiet tas-Summit taż-Żona tal-Euro għandhom ikunu koperti bl-obbligu tas-sigriet professjonali, ħlief sa fejn is-Summit taż-Żona tal-Euro jaqbel b'mod ieħor.

## 8. Segretarjat u Sigurtà

1. Is-Summit taż-Żona tal-Euro u l-President tiegħu għandhom ikunu assistiti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali tiegħu.

2. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jattendi l-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro u għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-organizzazzjoni tal-proċedimenti.

3. Ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għas-Summit taż-Żona tal-Euro.

# 9. Emenda tar-Regoli

Fuq proposta tal-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro, dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati b'konsensus. Għal dan l-iskop tista' tintuża l-proċedura bil-miktub. B'mod partikolari, ir-regoli għandhom jiġu adattati jekk dan hu meħtieġ mill-evoluzzjoni tal-governanza taż-Żona tal-Euro.

# 10. Korrispondenza indirizzata lis-Summit taż-Żona tal-Euro

Il-korrispondenza indirizzata lis-Summit taż-Żona tal-Euro għandha tintbagħat lill-President tiegħu fl-indirizz li ġej:

Summit taż-Żona tal-Euro
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

# DIKJARAZZJONI TAL-LAQGĦA TAS-SUMMIT TAŻ-ŻONA TAL-EURO TAS-26 TA' OTTUBRU 2011

1. Matul dawn l-aħħar tliet snin, aħna ħadna passi bla preċedent biex niġġieldu l-effetti tal-kriżi finanzjarja dinjija, kemm fl-Unjoni Ewropea fiha nnifisha kif ukoll fiż-żona tal-euro. L-istrateġija li implimentajna tinkludi sforzi determinati biex tiġi żgurata l-konsolidazzjoni fiskali, l-appoġġ lil pajjiżi f'diffikultà, u tisħiħ tal-governanza taż-żona tal-euro li twassal għal integrazzjoni ekonomika aktar profonda fostna u aġenda ambizzjuża għat-tkabbir. Fil-laqgħa tagħna tal-21 ta' Lulju ħadna sett ta' deċiżjonijiet importanti. Ir-ratifika tal-miżuri marbutin mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) mis-17-il Stat Membru kollha taż-żona tal-euro ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għall-kriżi. Il-ftehim mit-tliet istituzzjonijiet kollha dwar pakkett leġislattiv b'saħħtu fi ħdan l-istrutturi tal-UE dwar governanza ekonomika aħjar jirrappreżenta kisba oħra ewlenija. L-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew bidlet fundamentalment il-mod kif il-linji ta' politika fiskali u ekonomiċi tagħna huma kkoordinati fil-livell Ewropew, fejn issa ssir koordinazzjoni fil-livell tal-UE qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet nazzjonali. L-euro jkompli jserraħ fuq pedamenti sodi.

2. Tinħtieġ aktar azzjoni biex terġa' tinbena l-fiduċja. Huwa għalhekk li llum aħna naqblu dwar sett komprensiv ta' miżuri addizzjonali li jirriflettu d-determinazzjoni qawwija tagħna biex nagħmlu dak kollu li hu meħtieġ biex jingħelbu d-diffikultajiet preżenti u nieħdu l-passi neċessarji għall-ikkompletar tal-unjoni ekonomika u monetarja tagħna. Aħna ser nappoġġaw bis-sħiħ lill-BĊE fl-azzjoni tiegħu biex iżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro.

**Finanzi pubbliċi sostenibbli u riformi strutturali għat-tkabbir**

3. L-Unjoni Ewropea għandha ttejjeb il-prospettiva tagħha ta' tkabbir u impjiegi, kif spjegat fl-aġenda ta' tkabbir maqbula mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ottubru 2011. Aħna ntennu l-impenn sħiħ tagħna għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li saru taħt l-ewwel Semestru Ewropew u fuq l-iffukar tal-infiq pubbliku fuq oqsma ta' tkabbir.

4. L-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro huma totalment determinati li jkomplu l-politika tagħhom ta' konsolidazzjoni fiskali u riformi strutturali. Ser ikun meħtieġ sforz partikolari minn dawk l-Istati Membri li qed jesperjenzaw tensjonijiet fis-swieq tad-dejn sovran.

5. Aħna nilqgħu l-passi importanti meħuda minn Spanja biex tnaqqas id-deficit baġitarju tagħha, tirristruttura s-settur bankarju u tirriforma s-swieq tal-prodotti u tax-xogħol tagħha, kif ukoll l-adozzjoni ta' emenda kostituzzjonali ta' baġit ibbilanċjat. L-implimentazzjoni stretta ta' aġġustament tal-baġit kif ippjanat hija ta' importanza ċentrali, inkluż fil-livell reġjonali, sabiex jiġu ssodisfatti l-impenji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u t-tisħiħ tal-qafas fiskali billi tiġi żviluppata leġislazzjoni fuq livell aktar baxx sabiex l-emenda kostituzzjonali ssir kompletament operattiva. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiżdied it-tkabbir sabiex jonqos il-livell għoli inaċċettabli tal-qgħad. L-azzjonijiet għandhom jinkludu t-titjib tal-bidliet fis-suq tax-xogħol biex tiżdied il-flessibbiltà fil-livell tal-kumpanniji u l-kapaċità għall-impjieg tal-forza tax-xogħol u riformi oħra biex tittejjeb il-kompetittività, speċjalment l-estensjoni tar-riformi fis-settur tas-servizzi.

6. Aħna nilqgħu l-pjanijiet tal-Italja għal riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir u l-istrateġija tal-konsolidazzjoni fiskali, kif ġie stabbilit fl-ittra mibgħuta lill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni u nappellaw lill-Italja biex tippreżenta, b'urġenza, skeda ta' żmien ambizzjuża għal dawn ir-riformi. Aħna nfaħħru l-impenn tal-Italja li tikseb bilanċ baġitarju sal-2013 u bilanċ baġitarju strutturali fl-2014, li jwassal għal tnaqqis fid-dejn gross tal-gvern għal 113 % tal-PDG fl-2014, kif ukoll l-introduzzjoni prevista ta' regola għal baġit ibbilanċjat fil-kostituzzjoni sa nofs l-2012.

L-Italja issa ser timplimenta r-riformi strutturali proposti biex tiżdied il-kompetittività billi titnaqqas il-burokrazija, jitneħħew it-tariffi minimi fis-servizzi professjonali u jiġu liberalizzati aktar is-servizzi u l-utilitajiet lokali pubbliċi. Aħna ninnotaw l-impenn tal-Italja biex tirriforma l-liġi dwar ix-xogħol u partikolarment ir-regoli u l-proċeduri ta' tkeċċija u biex tiġi riveduta s-sistema attwali frammentata ta' benefiċċju tal-qgħad sa tmiem l-2011, b'kont meħud tal-limiti baġitarji. Nieħdu nota tal-pjan biex l-età tal-irtirar titla' għal 67 sena sal-2026 u nirrakkomandaw id-definizzjoni tal-proċess sa tmiem din is-sena biex jinkiseb dan l-objettiv.

Aħna nappoġġaw l-intenzjoni tal-Italja li terġa' teżamina l-programmi tal-fondi strutturali billi tagħti prijorità mill-ġdid lill-proġetti u billi tiffoka fuq l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-aġenda diġitali u l-ferroviji/r-rettikolati bil-għan li ttejjeb il-kondizzjonijiet biex issaħħaħ it-tkabbir u tittratta l-qasma reġjonali. Aħna nistiednu lill-Kummissjoni biex tipprovdi valutazzjoni dettaljata tal-miżuri u biex tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom, u lill-awtoritajiet Taljani biex jipprovdu fil-ħin l-informazzjoni neċessarja kollha għal tali valutazzjoni.

**Pajjiżi taħt il-programm ta' aġġustament**

7. Aħna ntennu d-determinazzjoni tagħna li nkomplu nipprovdu appoġġ lill-pajjiżi kollha taħt programmi sakemm dawn ikunu reġgħu kisbu aċċess għas-suq, dment li jimplimentaw bis-sħiħ dawk il-programmi.

8. Fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm, ninsabu kuntenti bil-progress li sar mill-Irlanda fl-implimentazzjoni sħiħa tal-programm ta' aġġustament tagħha li qed jagħti riżultati pożittivi. Il-Portugall ukoll qiegħed jagħmel progress tajjeb bil-programm tiegħu u huwa determinat ikompli jieħu miżuri biex isaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u jtejjeb il-kompetittività. Aħna nistiednu liż-żewġ pajjiżi biex ikomplu bl-isforzi tagħhom, iżommu mal-miri maqbula u jkunu lesti jieħdu kwalunkwe miżura addizzjonali biex jilħqu dawk il-miri.

9. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Grupp tal-euro dwar il-ħlas tas-sitt parti tal-programm ta' appoġġ UE-FMI għall-Greċja. Nistennew b'interess il-konklużjoni ta' programm pluriennali ġdid li jkun sostenibbli u kredibbli bejn l-UE u l-FMI sal-aħħar tas-sena.

10. Il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm Grieg iridu jissaħħu kif mitlub mill-Gvern Grieg. Il-programm huwa tal-Greċja, u l-implimentazzjoni tiegħu hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet Griegi. Fil-kuntest tal-programm il-ġdid, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-sħab l-oħrajn tat-Troika, ser tistabbilixxi għad-durata tal-programm kapaċità ta' monitoraġġ fil-post, inkluż bl-involviment ta' esperti nazzjonali, biex jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u kontinwa mal-gvern Grieg u t-Troika biex jagħtu konsulenza u joffru assistenza sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tar-riformi. Hija ser tassisti lit-Troika fil-valutazzjoni tal-konformità ta' miżuri li ser jittieħdu mill-Gvern Grieg fil-qafas tal-impenji tal-programm. Dan ir-rwol ġdid ser jiġi

stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil. Sabiex tiffaċilita l-użu effiċjenti tas-self uffiċjali mdaqqas għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek Griegi, il-governanza tal-Fond Elleniku tal-Istabbiltà Finanzjarja (HFSF) ser tissaħħaħ bi ftehim mal-Gvern Grieg u mat-Troika.

11. Aħna nappoġġaw bis-sħiħ it-Task Force għall-assistenza teknika stabbilita mill-Kummissjoni.

12. L-Involviment tas-Settur Privat (ISP) għandu rwol essenzjali fl-istabbiliment tas-sostenibbiltà tad-dejn Grieg. Għaldaqstant aħna nilqgħu d-diskussjoni attwali bejn il-Greċja u l-investituri privati tagħha biex tinstab soluzzjoni għal ISP aktar profond. Flimkien mal-programm ta' riforma ambizzjuż għall-ekonomija Griega, l-ISP għandu jiżgura t-tnaqqis tad-dejn Grieg mal-proporzjon tal-PDG bl-objettiv li dan jilħaq 120 % sal-2020. Għal dan l-għan aħna nistiednu lill-Greċja, lill-investituri privati u lill-partijiet kollha kkonċernati biex jiżviluppaw skambju volontarju ta' bonds bi skont nominali ta' 50 % fuq id-dejn nozzjonali Grieg miżmum mill-investituri privati. L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jikkontribwixxu għall-pakkett tal-ISP sa EUR 30 biljun. Abbażi ta' dan, is-settur uffiċjali jinsab lest jipprovdi programm addizzjonali li jiffinanzja sa EUR 100 biljun sal-2014, inkluża r-rikapitalizzazzjoni meħtieġa tal-banek Griegi. Il-programm il-ġdid għandu jkun maqbul sa tmiem l-2011 u l-iskambju tal-bonds għandu jkun implimentat fil-bidu tal-2012. Aħna nappellaw lill-FMI biex ikompli jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-programm Grieg il-ġdid.

13. Il-Greċja timpenja flussi futuri ta' flus kontanti mill-proġett Helios jew dħul ieħor minn privatizzazzjoni minbarra dawk diġà inklużi fil-programm ta' aġġustament biex ikompli jitnaqqas id-dejn tar-Repubblika Ellenika sa EUR 15-il biljun bil-għan li terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità ta' self tal-EFSF.

14. Ser jiġi pprovdut tisħiħ tal-kreditu biex jirfed il-kwalità tal-kollateral sabiex dan ikun jista' jkompli jintuża għall-aċċess għall-operazzjonijiet ta' likwidità tal-Eurosistema mill-banek Griegi.

15. Fir-rigward tal-approċċ ġenerali tagħna għall-involviment tas-settur privat fiż-żona tal-euro, aħna ntennu d-deċiżjoni tagħna li ħadna fil-21 ta' Lulju 2011, li l-Greċja teħtieġ soluzzjoni eċċezzjonali u unika.

16. L-Istati Membri l-oħrajn kollha taż-żona tal-euro jerġgħu jaffermaw solennement id-determinazzjoni inflessibbli tagħhom li jonoraw bis-sħiħ il-firma sovrana individwali tagħhom u l-impenji kollha tagħhom għal kondizzjonijiet fiskali u riformi strutturali sostenibbli. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro jappoġġaw bis-sħiħ din id-determinazzjoni peress li l-kredibbiltà tal-firem sovrani tagħhom kollha hija element deċiżiv għall-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro kollha kemm hi.

**Mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni**

17. Il-proċess ta' ratifika tal-EFSF rivedut issa tlesta fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u l-Grupp tal-euro qabel dwar il-linji gwida implimentattivi dwar l-interventi fis-swieq primarji u sekondarji, l-arranġamenti prekawzjonarji u r-rikapitalizzazzjoni tal-banek. Għaldaqstant id-deċiżjonijiet li ħadna fir-rigward tal-EFSF fil-21 ta' Lulju huma kompletament operattivi. L-għodod kollha disponibbli ser jintużaw b'mod effettiv biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro taħt kondizzjonalità adatta. Kif iddikjarat fil-linji gwida ta' implimentazzjoni, ser japplikaw kondizzjonalità stretta f'każ ta' programmi (prekawzjonarji) ġodda f'konformità mal-prattiki tal-FMI. Il-Kummissjoni ser twettaq sorveljanza mtejba tal-Istati Membri kkonċernati u tirrapporta regolarment fil-Grupp tal-euro.

18. Aħna naqblu li l-kapaċità tal-EFSF estiża għandha tintuża bil-għan li timmassimizza r-riżorsi disponibbli fil-qafas li ġej:

- l-objettiv huwa li jiġi appoġġat l-aċċess għas-suq għall-Istati Membri taż-żona tal-euro ffaċċjati bi pressjonijiet fis-suq u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq tad-dejn sovran taż-żona tal-euro filwaqt li tinżamm kompletament l-affidabbiltà kreditarja għolja tal-EFSF. Dawn il-miżuri huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u jiġi pprovdut iżolament tal-fondi (ringfencing) suffiċjenti biex jiġi miġġieled il-kontaġju,
- dan ser isir mingħajr ma jiġu estiżi l-garanziji li jirfdu l-faċilità u skont ir-regoli tat-Trattat u t-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim qafas attwali, li jopera fil-kuntest tal-istrumenti maqbula, u li jitlob kundizzjonalità u sorveljanza adegwati.

19. Aħna naqblu fuq żewġ alternattivi bażiċi sabiex nimmassimizzaw ir-riżorsi tal-EFSF:

– jiġi pprovdut tisħiħ tal-kreditu għal dejn ġdid maħruġ mill-Istati Membri biex b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż ta' finanzjament. Ix-xiri ta' din l-assigurazzjoni ta' riskju jiġi offrut lil investituri privati bħala alternattiva meta jixtru l-bonds fis-suq primarju,
– jiġu mmassimizzati l-arranġamenti ta' finanzjament tal-EFSF permezz ta' abbinament ta' riżorżi minn istituzzjonijiet u investituri finanzjarji privati u pubbliċi, li jistgħu jiġu rranġati permezz ta' Mezzi bi Skopijiet Speċjali. Dan ser ikabbar l-ammont ta' riżorsi disponibbli sabiex jiġi estiż self, għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek u għax-xiri ta' bonds fis-suq primarju u dak sekondarju.

20. L-EFSF ser ikollha l-flessibbiltà li tuża dawn iż-żewġ alternattivi simultanjament, tużahom skont l-objettiv speċifiku segwit u f'ċirkostanzi tas-suq. L-effett ta' lieva ta' kull alternattiva ser ivarja, skont il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u l-kondizzjonijiet tas-suq, iżda jista' jkun sa erbgħa jew ħamsa.

21. Aħna nappellaw lill-Grupp tal-euro biex jiffinalizza t-termini u l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dawn il-modalitajiet f'Novembru, fil-forma ta' linji gwida u f'konformità mal-abbozz ta' termini u kundizzjonijiet mħejji mill-EFSF.

22. Barra minn hekk, aktar titjib tar-riżorsi tal-EFSF jistgħu jinkisbu permezz ta' aktar kooperazzjoni mill-qrib mal-FMI. Il-Grupp tal-euro, il-Kummissjoni u l-EFSF ser jaħdmu fuq l-alternattivi possibbli kollha.

## Sistema bankarja

23. Aħna nilqgħu il-ftehim milħuq illum mill-membri tal-Kunsill Ewropew dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek u l-finanzjament (ara l-Anness 2).

## Koordinazzjoni u sorveljanza ekonomika u fiskali

24. Il-pakkett leġislattiv rigward il-governanza ekonomika isaħħaħ il-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ekonomika u fiskali. Wara li jidħol fis-seħħ f'Jannar 2012 dan ser jiġi implimentat strettament bħala parti

mis-Semestru Ewropew. Nappellaw għal sorveljanza rigoruża mill-Kummissjoni u l-Kunsill, inkluż permezz ta' pressjoni bejn il-pari, u l-użu attiv tal-istrumenti eżistenti u ġodda disponibbli. Aħna nfakkru wkoll fl-impenji li ħadna fil-qafas tal-Patt Euro Plus.

25. Li tifforma parti minn unjoni monetarja għandha implikazzjonijiet profondi u timplika koordinazzjoni u sorveljanza ferm aktar mill-qrib biex jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sostenibbiltà taż-żona kollha. Il-kriżi attwali turi l-ħtieġa li dan jiġi indirizzat b'mod ferm aktar effettiv. Għaldaqstant, filwaqt li nsaħħu l-għodod tagħna għall-kriżi fiż-żona tal-euro, aħna ser nagħmlu aktar progress fl-integrazzjoni tal-linji ta' politika ekonomiċi u fiskali billi nirrinfurzaw il-koordinazzjoni, is-sorveljanza u d-dixxiplina. Aħna ser niżviluppaw il-linji ta' politika neċessarji biex nappoġġaw il-funzjonament taż-żona tal-munita unika.

26. Aktar speċifikament, filwaqt li nibnu l-pakkett leġislattiv li għadu kif ġie adottat, is-Semestru Ewropew u l-Patt Euro Plus, aħna nimpenjaw irwieħna li nimplimentaw il-miżuri addizzjonali li ġejjin fil-livell nazzjonali:

(a) adozzjoni minn kull Stat Membru taż-żona tal-euro ta' regoli dwar baġit ibbilanċjat f'termini strutturali li jibdlu l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir f'leġislazzjoni nazzjonali, preferibbilment fil-livell kostituzzjonali jew ekwivalenti, sa tmiem l-2012;

(b) it-tisħiħ tal-oqfsa fiskali nazzjonali lil hinn mid-Direttiva dwar rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod partikolari, il-baġits nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq tbassir ta' tkabbir indipendenti;

(c) l-istedina lill-parlamenti nazzjonali, biex iqisu rakkomandazzjonijiet adottati fil-livell tal-UE dwar it-tmexxija ta' linji ta' politika ekonomiċi u baġitarji;

(d) konsultazzjoni tal-Kummissjoni u Stati Membri oħra taż-żona tal-euro qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe pjan ta' riforma tal-politika fiskali jew ekonomika, sabiex tingħata l-possibbiltà ta' valutazzjoni tal-impatt possibbli għaż-żona tal-euro kollha kemm hi;

(e) l-impenn li jiġu rrispettati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Kummissarju rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

27. Aħna naqblu wkoll li huma meħtieġa monitoraġġ aktar mill-qrib u infurzar addizzjonali abbażi ta' dan li ġej:

(a) għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li qegħdin fi proċedura ta' defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni u l-Kunsill ser ikunu jistgħu jeżaminaw il-baġits nazzjonali abbozzati u jadottaw opinjoni dwarhom qabel ma dawn jiġu adottati mill-parlamenti nazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tissorvelja l-eżekuzzjoni tal-baġit u, jekk meħtieġ, tissuġġerixxi emendi matul is-sena;

(b) fil-każ ta' nuqqasijiet fil-programm ta' aġġustament ser isiru koordinazzjoni u monitoraġġ aktar mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programm.

28. F'dan ir-rigward, aħna nistennew b'interess il-proposta li ġejja tal-Kummissjoni dwar monitoraġġ aktar mill-qrib lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 136 tat-TFUE. F'dan il-kuntest, nilqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jissaħħa, fil-Kummissjoni, ir-rwol tal-Kummissarju kompetenti għal monitoraġġ aktar mill-qrib u aktar infurzar.

29. Aħna ser insaħħu aktar il-pilastru ekonomiku tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u nikkoordinaw aħjar il-linji ta' politika makroekonomika u mikroekonomika. Filwaqt li nibnu fuq il-Patt Euro Plus, ser insaħħu l-kompetittività, biex b'hekk niksbu aktar konverġenza tal-linji ta' politika biex jiġu promossi t-tkabbir u l-impjiegi. Il-koordinazzjoni prammatika tal-linji ta' politika fiskali hija element neċessarju ta' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro sabiex jiġu appoġġati l-konsolidazzjoni fiskali u t-tkabbir ekonomiku. Għadha għaddejja l-ħidma leġislattiva dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u għal Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji.

**Struttura tal-governanza taż-żona tal-euro**

30. Sabiex nittrattaw b'mod aktar effettiv l-isfidi li niffaċċjaw u niżguraw integrazzjoni aktar mill-qrib, jeħtieġ li tissaħħaħ l-istruttura tal-governanza tagħna għaż-żona tal-euro, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

31. Għaldaqstant ser niltaqgħu regolarment — mill-anqas darbtejn fis-sena — fil-livell tagħna, f'Summits taż-Żona tal-Euro, biex nipprovdu orjentazzjonijiet

strateġiċi dwar il-linji ta' politika ekonomika u fiskali fiż-żona tal-euro. Dan ser jippermetti li titqies aħjar id-dimensjoni taż-żona tal-euro fil-linji ta' politika nazzjonali tagħna.

32. Il-Grupp tal-euro, flimkien mal-Kummissjoni u l-BĊE, ser jibqa' fil-qalba tal-ġestjoni ta' kuljum taż-żona tal-euro. Huwa ser ikollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew mill-Istati Membri taż-żona tal-euro. Huwa ser iserraħ fuq struttura preparatorja aktar b'saħħitha.

33. Arranġamenti aktar dettaljati huma ppreżentati fl-Anness 1 għal dan id-dokument.

## Aktar integrazzjoni

34. L-euro jinsab fil-qofol tal-proġett Ewropew tagħna. Aħna ser insaħħu l-unjoni ekonomika biex din tkun proporzjonata mal-unjoni monetarja.

35. Nitlobu lill-President tal-Kunsill Ewropew, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-euro biex jidentifikaw passi possibbli biex dan l-għan jintlaħaq. Ser isir fokus fuq it-tisħiħ ulterjuri tal-konverġenza ekonomika fiż-żona tal-euro, tittejjeb id-dixxiplina fiskali u tissaħħaħ l-unjoni ekonomika, inkluża l-esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' tibdil limitat fit-Trattat. F'Diċembru 2011 ser jiġi ppreżentat rapport interim sabiex isir qbil dwar l-ewwel orjentazzjonijiet. Dan ser jinkludi pjan direzzjonali dwar kif iridu jipproċedu b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet. Rapport dwar kif jiġu implimentati l-miżuri maqbula ser jiġi ffinalizzat sa Marzu 2012.

*Anness 1*

## Għaxar miżuri biex tittejjeb il-governanza taż-żona tal-euro

Jeħtieġ li tissaħħaħ il-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro, li tittejjeb l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li tiġi żgurata

komunikazzjoni aktar konsistenti. Għal dan l-għan, ser jittieħdu l-għaxar miżuri li ġejjin, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-integrità tal-UE kollha kemm hi:

1. Ser ikun hemm laqgħat regolari tas-Summit taż-Żona tal-Euro li jlaqqgħu flimkien il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern (HoSG) taż-żona tal-euro u l-President tal-Kummissjoni. Dawn il-laqgħat ser isiru mill-inqas darbtejn fis-sena, f'mumenti kruċjali taċ-ċiklu annwali tal-governanza ekonomika; dawn jekk possibbli ser isiru wara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew. Jekk meħtieġ, il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro jista' jsejjaħ laqgħat supplementari. Is-Summits taż-Żona tal-Euro ser jiddefinixxu l-orjentazzjonijiet strateġiċi għat-twettiq tal-linji ta' politika ekonomika u għal aktar konverġenza fiż-żona tal-euro. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser jiżgura t-tħejjija tas-Summit taż-Żona tal-Euro, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni.

2. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser jinħatar mill-HoSG taż-żona tal-euro fl-istess żmien meta ssir l-elezzjoni tal-President mill-Kunsill Ewropew u għal mandat tal-istess tul. Sakemm issir l-elezzjoni li jmiss, il-President attwali tal-Kunsill Ewropew ser jippresjedi l-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro.

3. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser iżomm lill-Istati Membri li ma jagħmlux parti miż-żona tal-euro infurmati bis-sħiħ dwar it-tħejjija u l-eżitu tas-Summits. Il-President ser jinforma wkoll lill-Parlament Ewropew bl-eżitu tas-Summits taż-Żona tal-Euro.

4. Kif inhu l-każ bħalissa, il-Grupp tal-euro ser jiżgura koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika u jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja. Filwaqt li jirrispetta s-setgħat tal-istituzzjonijiet tal-UE f'dan ir-rigward, huwa jippromwovi sorveljanza msaħħa tal-linji ta' politika ekonomika u fiskali tal-Istati Membri safejn tkun ikkonċernata ż-żona tal-euro. Huwa ser iħejji wkoll il-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro u jiżgura s-segwitu tagħhom.

5. Il-President tal-Grupp tal-euro jiġi elett f'konformità mal-Protokoll Nru 14 anness għat-Trattati. Meta jiskadi l-mandat tal-persuna attwalment fil-kariga ser tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi elett minn fost il-Membri tal-Grupp tal-euro jew jekk għandux ikun President full-time ibbażat fi Brussell. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser jiġi kkonsultat dwar il-pjan ta' ħidma tal-Grupp tal-euro u jista' jistieden lill-President tal-Grupp tal-euro biex

isejjaħ laqgħa tal-Grupp tal-euro, b'mod partikolari biex jitħejjew is-Summits taż-Żona tal-Euro jew biex jingħata segwitu għall-orjentazzjonijiet tiegħu. Ser jiġu stabbiliti linji ċari ta' responsabbiltà u rappurtar bejn is-Summit taż-Żona tal-Euro, il-Grupp tal-euro u l-korpi preparatorji.

6. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro, il-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-euro ser jiltaqgħu regolarment, mill-inqas darba fix-xahar. Il-President tal-BĊE jista' jkun mistieden jipparteċipa. Il-Presidenti tal-aġenziji ta' superviżjoni u d-Direttur Maniġerjali tal-EFSF CEO/MES jistgħu jiġu mistiedna fuq bażi ad hoc.

7. Il-ħidma fil-livell preparatorju ser tkompli titwettaq mill-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-euro (EWG), li jibbaża fuq il-kontributi prinċipalment ipprovduti mill-Kummissjoni. L-EWG iħejji wkoll il-laqgħat tal-Grupp tal-euro. Huwa għandu jibbenefika minn sottogrupp aktar permanenti magħmul minn membri supplenti/uffiċjali rappreżentanti tal-Ministri tal-Finanzi, li jiltaqa' aktar ta' spiss u li jaħdem taħt l-awtorità tal-President tal-EWG.

8. L-EWG ser ikun ippresjedut minn President full-time ibbażat fi Brussell. Fil-prinċipju, din il-persuna ser tiġi eletta fl-istess ħin li jiġi elett il-president tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

9. L-istrutturi amministrattivi eżistenti (jiġifieri s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u s-Segretarjat tal-KEF) ser jissaħħu u jikkooperaw b'mod ikkoordinat tajjeb biex jipprovdu appoġġ adatt lill-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro u lill-President tal-Grupp tal-euro, taħt il-gwida tal-President tal-KEF/EWG. Ser tintuża l-kompetenza esperta esterna kif adatt, fuq bażi ad hoc.

10. Ser jiġu stabbiliti regoli u mekkaniżmi ċari biex titjieb il-komunikazzjoni u jkunu żgurati messaġġi aktar konsistenti. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro u l-President tal-Grupp tal-euro għandu jkollhom responsabbiltà speċjali f'dan ir-rigward. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro flimkien mal-President tal-Kummissjoni għandu jkun responsabbli li jikkomunika d-deċiżjonijiet tas-Summit taż-Żona tal-Euro u l-President tal-Grupp tal-euro flimkien mal-Kummissarju tal-ECFIN għandu jkun responsabbli li jikkomunika d-deċiżjonijiet tal-Grupp tal-euro.

*Anness 2*

**Kunsens dwar il-pakkett bankarju**

1. Il-miżuri biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-fiduċja fis-settur bankarju (il-pakkett bankarju) huma meħtieġa b'mod urġenti u huma neċessarji fil-kuntest tat-tisħiħ tal-kontroll prudenzjali tas-settur bankarju tal-UE. Dawn il-miżuri għandhom jitrattaw:

(a) Il-ħtieġa li jiġi żgurat il-finanzjament tal-banek fuq perijodu medju, sabiex jiġi evitat credit crunch u jiġi ssalvagwardat il-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali, u biex jiġu kkoordinati miżuri biex dan jinkiseb.
(b) Il-ħtieġa li jiġu mtejba l-kwalità u l-kwantità tal-kapital tal-banek biex jirreżistu x-xokkijiet u li dan it-titjib jintwera b'mod affidabbli u armonizzat.

**Finanzjament fuq perijodu**

2. Il-garanziji fuq il-passiv tal-banek ikunu meħtieġa jipprovdu appoġġ aktar dirett għal banek fl-aċċess tagħhom għal finanzjament fuq perijodu (finanzjament fuq perijodu qasir huwa disponibbli għand il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali rilevanti), fejn adatt. Dan huwa wkoll parti essenzjali mill-istrateġija biex jiġu limitati azzjonijiet ta' tnaqqis fil-lieva finanzjarja.

3. Ripetizzjoni sempliċi tal-esperjenza tal-2008 b'diskrezzjoni nazzjonali sħiħa fl-istabbiliment ta' skemi ta' likwidità tista' ma tipprovdix soluzzjoni sodisfaċenti bil-kondizzjonijiet attwali tas-suq. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ verament ikkoordinat fil-livell tal-UE fir-rigward tal-kriterji ta' dħul, ipprezzar u kondizzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tesplora b'mod urġenti flimkien mal-ABE, il-BEI, u l-BĊE l-alternattivi biex jinkiseb dan l-objettiv u tirrapporta lill-KEF.

**Kapitalizzazzjoni tal-banek**

4. Mira ta' kapital: Hemm qbil wiesgħa dwar il-ħtieġa għal proporzjon ta' kapital notevolment ogħla ta' 9 % ta' kapital tal-aqwa kwalità u wara li jittieħed

kont tal-valutazzjoni tas-suq ta' skoperturi tad-dejn sovran, it-tnejn li huma mit-30 ta' Settembru 2011, biex tinħoloq protezzjoni temporanja, li hija ġustifikata minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. Din il-mira ta' kapital kwantitattiva ser ikollha tinkiseb sat-30 ta' Ġunju 2012, abbażi ta' pjani maqbula mas-superviżuri nazzjonali u kkoordinati mill-ABE. Din il-valutazzjoni prudenti ma taffettwax ir-regoli ta' rappurtar finanzjarju rilevanti. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, taħt il-patroċinju tal-ABE, għandhom jiżguraw li l-pjani tal-banek għat-tisħiħ tal-kapital ma jwasslux għal tnaqqis fil-lieva finanzjarja, inkluż il-manteniment tal-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali u li jittieħed kont tal-livelli attwali ta' skopertura tal-grupp inklużi s-sussidjarji tagħhom fl-Istati Membri kollha, konxji tal-ħtieġa li tiġi evitata pressjoni mhux dovuta fuq l-estensjoni tal-kreditu f'pajjiżi ospitanti u fuq is-swieq tad-dejn sovran.

5. Finanzjament taż-żieda fil-kapital: Il-banek għandhom l-ewwel jużaw sorsi privati ta' kapital, inkluż permezz tar-ristrutturar u l-konverżjoni tad-dejn fi strumenti ta' ekwità. Il-banek għandhom ikunu soġġetti għal limitazzjonijiet fir-rigward tat-tqassim ta' dividendi u ta' bonus sakemm tinkiseb il-mira. Jekk meħtieġ, il-gvernijiet nazzjonali għandhom jipprovdu appoġġ, u jekk dan l-appoġġ ma jkunx disponibbli, ir-rikapitalizzazzjoni għandha tiġi ffinanzjata permezz ta' self mill-EFSF fil-każ ta' pajjiż taż-Żona tal-Euro.

### Għajnuna mill-Istat

6. Kwalunkwe forma ta' appoġġ pubbliku, kemm fil-livell nazzjonali jew tal-UE, ser tkun soġġetta għall-kondizzjonalità tal-qafas attwali għal għajnuna speċjali mill-Istat, li l-Kummissjoni indikat li ser jiġi applikat bil-proporzjonalità neċessarja fid-dawl tal-karattru sistemiku tal-kriżi.

# KUNSILL EWROPEW TAT-18–19 TA' OTTUBRU 2012
# KONKLUŻJONIJIET

*Il-Kunsill Ewropew tenna llum l-impenn sod tiegħu li jieħu azzjoni determinata biex jindirizza t-tensjonijiet tas-suq finanzjarju, jerġa' jnissel il-fiduċja u jistimula t-tkabbir u l-impjiegi.*

*Huwa eżamina mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Huwa laqa' l-progress li sar s'issa iżda appella wkoll għal azzjoni rapida, determinata u orjentata lejn ir-riżultati biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tiegħu.*

*Flimkien mal-preżentazzjoni tar-rapport interim dwar l-UEM, il-Kunsill Ewropew appella biex tkompli l-ħidma fuq il-proposti dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bħala kwistjoni ta' prijorità bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-qafas leġislattiv sal-1 ta' Jannar 2013 u qabel dwar għadd ta' orjentazzjonijiet għal dak il-għan. Huwa ħa nota wkoll tal-kwistjonijiet marbuta mal-oqfsa ta' politika baġitarja u ekonomika integrati, il-leġittimità u r-responsabbiltà demokratika li għandhom jiġu esplorati aktar. Huwa qabel li l-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar fil-fond għandu jibni fuq il-qafas istituzzjonali u legali tal-UE u jkun ikkaratterizzat minn attitudni miftuħa u trasparenti lejn Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro u rispett għall-integrità tas-Suq Uniku. Huwa kien qed jistenna b'interess pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien li għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2012, sabiex ikun jista' jimxi 'l quddiem fuq il-pedament essenzjali kollu li fuqu għandha tkun ibbażata UEM ġenwina.*

*Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet mas-sħab strateġiċi tal-UE u adotta konklużjonijiet dwar is-Sirja, l-Iran u Mali.*

## I. POLITIKA EKONOMIKA

1. L-ekonomija Ewropea qed taffaċċa sfidi diffiċli. Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni Ewropea tagħmel kull sforz biex timplimenta rapidament il-miżuri maqbula matul ix-xhur reċenti biex tirrilanċja t-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi,

biex jerġa' jkun hemm fiduċja u biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva bħala lok għall-produzzjoni u l-investiment.

**Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi**

2. Il-Kunsill Ewropew jibqa' determinat li jistimola t-tkabbir u l-impjiegi, fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, deċiż f'Ġunju li għadda, jikkostitwixxi l-qafas ġenerali għal azzjoni fil-livell nazzjonali, tal-euro u tal-UE, li jimmobilizza l-mezzi, l-istrumenti u l-linji ta' politika kollha. L-impenji kollha li jiddeskrivi għandhom jitwettqu b'mod sħiħ u rapidu. S'issa nkiseb progress sinifikanti, kif jidher mill-ittra tal-President tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2012 kif ukoll mir-rapporti tal-Presidenza u l-Kummissjoni. Madankollu, jinħtieġu sforzi akbar f'ċerti oqsma, kif jidher hawn taħt.

(a) Investiment fit-tkabbir: qed isir progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' finanzjament ta' EUR 120 biljun tal-Patt. B'mod partikolari, fil-ġimgħat li ġejjin, il-BEI huwa mistenni jadotta żieda fil-kapital ta' EUR 10 biljun bl-għan li jsaħħaħ il-bażi tal-kapital tiegħu kif ukoll iżid il-kapaċità ġenerali ta' self tiegħu b'EUR 60 biljun. Dan imbagħad għandu jwassal għal investiment addizzjonali sa EUR 180 biljun matul it-tliet snin li ġejjin. Għaddejja ħidma biex jiġi żgurat li EUR 55 biljun ta' Fondi Strutturali jiġu mobilizzati b'mod rapidu u effiċjenti; il-Kummissjoni ser tkompli tgħin lill-Istati Membri biex jipprogrammaw mill-ġdid il-Fondi Strutturali sabiex jiffokawhom aħjar fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Għandha tingħata attenzjoni adegwata sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-finanzjament għall-Istati Membri kollha. Il-fażi pilota tal-Bonds għall-Finanzjament ta' Proġetti qiegħda tiġi implimentata b'EUR 100 miljun diġà awtorizzati u l-EUR 130 miljun li jifdal għandhom jiġu mobilizzati fil-bidu tas-sena d-dieħla, li b'kollox għandu jistimula investiment sa EUR 4,5 biljun fil-fażi pilota. F'Novembru, il-Kunsill Ewropew ser jiddedika laqgħa speċjali biex jintlaħaq qbil dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u b'hekk jiġi żgurat li dan jiġi adottat sal-aħħar tas-sena. Filwaqt li jfakkar fil-ħtieġa li titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata u favur it-tkabbir, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-infiq pubbliku u l-ambitu għal azzjoni possibbli fi ħdan il-limiti tal-oqfsa fiskali nazzjonali u tal-UE.

(b) Approfondiment tas-Suq Uniku: sar progress fl-Att I dwar is-Suq Uniku, iżda jinħtieġu aktar sforzi biex titlesta l-ħidma fuq il-proposti pendenti inkluż dwar il-kontabbiltà, il-kwalifiki professjonali, l-akkwist pubbliku u l-fondi tal-kapital ta' riskju. Il-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-Att II dwar is-Suq Uniku tistabbilixxi 12-il azzjoni ewlenija oħra li għandhom jikkontribwixxu sew għat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-proposti ewlenin kollha tal-SMA II sar-rebbiegħa 2013 u jappella għall-eżami rapidu tagħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati sa mhux aktar tard minn tmiem iċ-ċiklu parlamentari attwali. Huwa importanti wkoll li tittieħed azzjoni urġenti f'konformità mal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi u dwar il-governanza tas-Suq Uniku.

(c) Nikkollegaw l-Ewropa: il-Faċilità futura Nikkollegaw l-Ewropa ser tikkostitwixxi strument importanti għall-promozzjoni tat-tkabbir permezz ta' investiment fit-trasport, l-enerġija u l-kollegamenti tal-ICT. Fil-qasam tat-trasport, l-eliminazzjoni ta' ostakoli regolatorji u t-trattament ta' konġestjonijiet u ta' konnessjonijiet transkonfinali neqsin huma essenzjali sabiex tiġi garantita l-operazzjoni effiċjenti tas-Suq Uniku u jiġu promossi l-kompetittività u t-tkabbir. It-teknoloġiji u l-infrastrutturi diġitali huma wkoll prerekwiżit essenzjali. Waqt li fakkar fil-ħtieġa li s-suq intern tal-enerġija jitlesta kompletament sal-2014 f'konformità mad-dati ta' skadenza maqbula u biex jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru ma jibqa' maqtugħ min-netwerks Ewropej tal-gass u l-enerġija elettrika wara l-2015, il-Kunsill Ewropew jappella għal qbil rapidu dwar il-proposta dwar it-TENs tal-enerġija u jistenna b'interess il-komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni u l-Pjan ta' Azzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin.

(d) Kisba ta' Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona bi sħiħ sal-2015: dan jista' jiġġenera tkabbir addizzjonali ta' 4 % matul il-perijodu sal-2020. Għalhekk il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi aċċellerata l-ħidma fuq il-proposti dwar il-firma elettronika u l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u jistenna b'interess il-proposti li ġejjin dwar it-tnaqqis tal-ispiża tal-użu ta' broadband b'rapidità għolja u tal-fatturazzjoni elettronika. L-analiżi li jmiss ta' nofs it-terminu tal-Aġenda Diġitali għandha tintuża biex tidentifika oqsma fejn tenħtieġ li ssir aktar ħidma. Huwa neċessarju li s-sistema tal-Ewropa

tad-drittijiet tal-awtur tiġi mmodernizzata, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kontenut filwaqt li jinżammu d-drittijiet ta' proprjetà intelletwali u jiġu nkoraġġiti l-kreattività u d-diversità kulturali.

(e) Promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni: huwa importanti li jiġi żgurat li r-riċerka u l-innovazzjoni jiġu tradotti fi gwadanni kompetittivi. Il-Kunsill Ewropew jappella għal progress rapidu dwar il-programmi l-ġodda proposti għar-riċerka u l-innovazzjoni (Orizzont 2020) u għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME), filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-eċċellenza fil-politika tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni waqt li jippromwovi aċċess wiesa' għall-parteċipanti fl-Istati Membri kollha. Huwa jtenni l-ħtieġa li tiġi ffinalizzata ż-Żona Ewropea tar-Riċerka sal-aħħar tal-2014 u jenfasizza l-importanza ta' approċċ integrat għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali.

(f) Titjib tal-kompetittività tal-industrija: il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar politika industrijali ġdida tal-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat approċċ integrat sabiex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali biex tirfed it-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza tal-enerġija u r-riżorsi. Huwa partikolarment importanti li l-industriji Ewropej iżommu u jiżviluppaw it-tmexxija teknoloġika tagħhom u jiffaċilitaw l-investiment f'teknoloġiji essenzjali ġodda fl-istadji bikrin u għal azzjonijiet qrib tas-suq.

(g) Ħolqien tal-qafas regolatorju tajjeb għat-tkabbir: huwa partikolarment importanti li jitnaqqas il-piż regolatorju ġenerali fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, b'attenzjoni speċifika fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, inkluż billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li hija mistennija f'Diċembru, li ser tieħu kont tal-progress u tindika azzjoni ulterjuri li għandha tittieħed sa mhux aktar tard minn tmiem iċ-ċiklu parlamentari attwali, inkluż is-segwitu dwar l-aktar 10 testi leġislattivi li joħolqu piż fuq l-SMEs. B'kont meħud tal-prijorità partikolari li jitrawmu l-kompetittività, it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirtira għadd ta' proposti pendenti u li tidentifika oqsma possibbli fejn il-piż regolatorju jista' jiħfief.

(h) Żvilupp ta' politika dwar it-taxxa għat-tkabbir: għandhom jitmexxew 'il quddiem il-ħidma u d-diskussjonijiet fuq il-proposti dwar it-tassazzjoni

tal-enerġija, dwar il-bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva u dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-taxxa fuq it-tfaddil, u biex jintlaħaq qbil rapidu dwar id-direttivi ta' negozjar għal ftehimiet dwar it-tassazzjoni fuq it-tfaddil ma' pajjiżi terzi. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li għandha tiġi ppreżentata qabel l-aħħar tas-sena dwar il-governanza tajba fir-rigward tar-rifuġji fiskali u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Il-Kunsill Ewropew jinnota t-talbiet minn għadd ta' Stati Membri biex jingħata bidu għal kooperazzjoni msaħħa dwar Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji, li l-Kummissjoni biħsiebha teżamina malajr bil-ħsieb li tagħmel il-proposta tagħha hekk kif ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet.

(i) Titjib fl-impjiegi u l-inklużjoni soċjali: il-ħidma f'dan il-qasam tibqa' prijorità tal-akbar importanza. Il-Kunsill huwa mistieden ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-elementi differenti tal-Pakkett tal-Impjiegi u jiżgura progress rapidu fil-proposti relatati mal-akkwist u l-preservazzjoni tad-drittijiet transkonfinali għall-pensjoni għall-ħaddiema tal-UE u l-infurzar tad-Direttiva dwar il-ħaddiema stazzjonati. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-komunikazzjoni li jmiss dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-pakkett għall-Impjieg taż-Żgħażagħ, inklużi l-iżvilupp ta' inizjattivi dwar garanziji għaż-żgħażagħ u skemi ta' taħriġ u apprendistati ta' kwalità kif ukoll it-titjib tal-mobilità taż-żgħażagħ. Għandha tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-ħaddiema madwar l-UE. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li l-portal ta' pożizzjonijiet battala EURES jiġi żviluppat aktar u jissottolinja l-ħtieġa li tiżdied u titwessa' l-parteċipazzjoni tas-servizzi tal-impjiegi fl-Istati Membri kollha. L-iskemi ta' taħriġ vokazzjonali tal-Istati Membri jaqdu rwol partikolari fl-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ. Huwa importanti wkoll li tiġi promossa r-riattivazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jittrattaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi u biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali f'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020.

(j) Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020: il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa għal implimentazzjoni determinata tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi għall-2012. Huwa jistieden lill-Presidenza biex tippreżenta "rapport ta' sinteżi" dwar it-tagħlimiet li ttieħdu mill-proċess tas-Semestru Ewropew tal-2012 u jappella għal għadd ta' titjibiet li għandhom

isiru għall-eżerċizzju tal-2013 — aktar enfasi fuq gwida speċifika u l-implimentazzjoni; arranġamenti ġodda biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proċess, b'mod partikolari permezz ta' djalogu aktar approfondit u kontinwu; bini ta' sħubija mal-Parlament Ewropew, parlamenti nazzjonali u sħab soċjali; u rabta aktar b'saħħitha bejn il-ħidma tal-konfigurazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Waqt li enfasizza l-ħtieġa għal tħejjija bir-reqqa tas-Semestru Ewropew tal-2013, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni bikrija mill-Kummissjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija fl-aħħar ta' Novembru, u jistieden lill-Presidenza li jmiss tippreżenta pjan direzzjonali dwar l-organizzazzjoni tal-ħidma għas-Semestru Ewropew 2013.

(k) Sfruttament tal-potenzjal tal-kummerċ: filwaqt li enfasizza l-fatt li aġenda ambizzjuża dwar il-kummerċ tista' fuq perijodu medju twassal għal żieda ġenerali ta' 2 % fit-tkabbir u l-ħolqien ta' aktar minn 2 miljun impjieg, il-Kunsill Ewropew itenni d-determinazzjoni tal-UE li tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ filwaqt li fl-istess ħin tafferma l-interessi tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku. F'dan l-ispirtu, huwa jappella biex jintlaħaq ftehim dwar id-direttivi ta' negozjar għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) mal-Ġappun bil-ħsieb li jitniedu negozjati fix-xhur li ġejjin u għall-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar FTA mal-Kanada u Singapor fix-xhur li ġejjin. Huwa jistenna b'interess ir-rapport finali tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli UE-Stati Uniti u jimpenja lilu nnifsu li jaħdem lejn l-għan ta' tnedija fl-2013 ta' negozjati dwar ftehim transatlantiku komprensiv dwar il-kummerċ u l-investiment. Dan ser jirritorna f'aktar dettall għar-relazzjonijiet UE/Stati Uniti u l-kontribut li l-kummerċ jista' jagħti għall-aġenda dwar it-tkabbir fi Frar 2013. Huwa jappella wkoll biex isir progress fil-ftuħ jew l-avvanz tan-negozjati dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi mas-sħab ġirien tal-UE li huma lesti. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi għandha tiġi eżaminata b'mod rapidu.

**Tlestija tal-UEM**

3. Fid-dawl tal-isfidi fundamentali li qiegħda tiffaċċja, jeħtieġ li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) tissaħħaħ biex jiġi żgurat il-ġid ekonomiku u soċjali kif ukoll l-istabbiltà u l-prosperità sostnuta.

4. Wara r-rapport interim ippreżentat mill-President tal-Kunsill Ewropew f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Grupp tal-euro u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), ser ikomplu l-konsultazzjonijiet informali mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew dwar il-kwistjonijiet differenti li għandhom jiġu esplorati. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien li għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2012, sabiex ikun jista' jimxi 'l quddiem fuq il-pedament essenzjali kollu li fuqu għandha tkun ibbażata UEM ġenwina.

5. Il-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda għandu jibni fuq il-qafas istituzzjonali u legali tal-UE u għandu jkun karatterizzat minn attitudni miftuħa u trasparenti lejn Stati Membri li ma jużawx il-munita unika u minn rispett għall-integrità tas-Suq Uniku. Ir-rapport finali u l-pjan direzzjonali għandhom jinkludu proposti konkreti għal kif dan għandu jinkiseb.

## Qafas finanzjarju integrat

6. Jeħtieġ li nimxu lejn qafas finanzjarju integrat, miftuħ kemm jista' jkun possibbli għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lil-leġislaturi jkomplu bil-ħidma fuq il-proposti leġislattivi dwar Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (SSM) bħala kwistjoni ta' prijorità, bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-qafas leġislattiv sal-1 ta' Jannar 2013. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni operattiva ser issir matul l-2013. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li l-integrità tas-Suq Uniku tkun rispettata bis-sħiħ.

7. Jeħtieġ li tiġi żgurata separazzjoni ċara bejn il-politika monetarja tal-BĊE u l-funzjonijiet ta' superviżjoni, u t-trattament u r-rappreżentazzjoni ġusta kemm tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro kif ukoll ta' dawk li mhumiex fiha u li jipparteċipaw fl-SSM. Ir-responsabbiltà qiegħda fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet. L-SSM ser ikun ibbażat fuq l-ogħla standards għas-superviżjoni tal-banek u l-BĊE ser ikun jista', b'mod differenzjat, iwettaq superviżjoni diretta. Dan ser ikun ukoll f'pożizzjoni li juża s-setgħat effettivi mogħtija lilu mil-leġislazzjoni hekk kif din tidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, huwa ta' importanza kbira li tiġi stabbilita ġabra unika tar-regoli li tirfed is-superviżjoni ċentralizzata.

8. Huwa importanti li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti bejn dawk l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-SSM u dawk li le, b'rispett sħiħ tal-integrità tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji. Hija meħtieġa soluzzjoni aċċettabbli u bilanċjata rigward il-bidliet għall-modalitajiet ta' votazzjoni u d-deċiżjonijiet skont ir-Regolament tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), b'kont meħud tal-evoluzzjonijiet possibbli fil-parteċipazzjoni tal-SSM, li tiżgura teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u mhux diskriminatorju fi ħdan is-Suq Uniku. Abbażi ta' dan, l-ABE għandha żżomm is-setgħat u r-responsabbiltajiet eżistenti tagħha.

9. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali għar-riżoluzzjoni u l-garanzija tad-depożiti abbażi tal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek u dwar l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-konklużjoni rapida tal-ġabra unika tar-regoli, inkluż il-ftehim rigward il-proposti dwar ir-rekwiżiti tal-kapital tal-banek (CRR/CRD IV) sal-aħħar tas-sena.

10. F'dawn il-materji kollha, huwa importanti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn il-pajjiżi ta' oriġini u dawk ospitanti.

11. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-ħsieb tal-Kummissjoni li tipproponi mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għall-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SSM ladarba jkunu ġew adottati l-proposti għal Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni u għal Direttiva dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti.

12. Il-Grupp tal-Euro ser ifassal il-kriterji operattivi preċiżi li ser jiggwidaw ir-rikapitalizzazzjonijiet diretti tal-banek mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), b'rispett sħiħ tad-dikjarazzjoni tas-Summit taż-żona tal-euro tad-29 ta' Ġunju 2012. Huwa tal-akbar importanza li jinkiser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u l-Istati. Meta jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju uniku effettiv, li jinvolvi l-BĊE, għall-banek fiż-żona tal-euro l-MES jista', wara deċiżjoni regolari, ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament.

## Qafas baġitarju integrat, qafas tal-politika ekonomika, leġittimità demokratika u responsabbiltà

13. Il-Kunsill Ewropew jistieden lil-leġislaturi jilħqu ftehim bil-ħsieb li jiġi adottat it-"two pack" sa mhux aktar tard minn tmiem l-2012. Dan huwa test leġislattiv essenzjali meħtieġ għat-tisħiħ tal-governanza ekonomika ġdida fl-UE, flimkien mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TIKG) u s-"six-pack". Huwa jappella lill-awtoritajiet nazzjonali u l-Istituzzjonijiet Ewropej biex dawn jiġu implimentati kollha bis-sħiħ f'konformità mar-rwoli tagħhom skont it-Trattati tal-UE. B'rabta mal-ħidma regolatorja fis-settur bankarju tal-UE, il-Kunsill Ewropew jieħu kont tal-proposti tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar l-istruttura tas-settur bankarju tal-UE, li l-Kummissjoni qiegħda teżamina bħalissa, inkluż l-impatt possibbli tagħhom fuq l-objettiv li tiġi stabbilita sistema bankarja stabbli u effiċjenti.

14. Qafas baġitarju integrat huwa parti minn unjoni ekonomika u monetarja. F'dak il-kuntest, ser jiġu esplorati aktar mekkaniżmi, inkluża kapaċità fiskali adatta, għaż-żona tal-euro. Il-proċess ta' esplorazzjoni mhux ser ikun relatat mat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

15. Il-funzjonament tajjeb tal-UEM jitlob tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u sostenibbli, impjiegi u koeżjoni soċjali u jirrikjedi koordinazzjoni, konverġenza u infurzar aktar b'saħħtu tal-politika ekonomika. F'dan ir-rigward, ser tiġi esplorata l-idea li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jidħlu f'arranġamenti individwali ta' natura kuntrattwali mal-istituzzjonijiet tal-UE dwar ir-riformi li jieħdu impenn li jwettqu u l-implimentazzjoni tagħhom. Tali arranġamenti jistgħu jintrabtu mar-riformi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kunsill u jibnu fuq il-proċeduri tal-UE.

16. Il-governanza fiż-żona tal-euro għandha tittejjeb aktar, abbażi tat-TSKG u b'kont meħud tad-dikjarazzjoni tas-Summit taż-żona tal-euro tas-26 ta' Ottubru 2011. Għandhom jiġu esplorati, mill-Istati Membri parteċipanti, modi kif jiġi żgurat li r-riformi kbar kollha ippjanati fir-rigward tal-politika ekonomika jiġu diskussi *ex ante* u, fejn xieraq, ikkoordinati fi ħdan il-qafas tal-governanzna ekonomika tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TIKG. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro għandhom jadottaw regoli ta' proċedura għal-laqgħat tagħhom.

17. Jinħtieġu mekkaniżmi b'saħħithom għal-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà. Wieħed mill-prinċipji ta' gwida f'dan il-kuntest huwa li jiġi żgurat li l-kontroll demokratiku u r-responsabbiltà jsiru fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet. F'dan l-ispirtu, għandhom jiġu esplorati modi ta' kif jiġi żgurat dibattitu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kemm fil-Parlament Ewropew kif ukoll fil-parlamenti nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Istati Membri parti għat-TIKG li jtejbu l-livell ta' kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, abbażi tal-Artikolu 13 tat-TIKG u l-Protokoll 1 għat-TFUE.

## II. SĦAB STRATEĠIĊI

18. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab strateġiċi tiegħu. Huwa appella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-arranġamenti interni maqbula f'Settembru 2010 biex jitjiebu r-relazzjonijiet esterni tal-UE.

## III. PUNTI OĦRAJN

19. Il-Kunsill Ewropew jinsab ixxukkjat bid-deterjorament tas-sitwazzjoni fis-Sirja. Huwa japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru u l-miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-reġim Sirjan u dawk li jappoġġawh. Huwa jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi ta' Lakhdar Brahimi biex tinstab soluzzjoni politika għall-kriżi Sirjana. L-atturi ewlenin kollha, b'mod partikolari dawk fir-reġjun u l-membri kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, għandhom iġorru r-responsabbiltajiet tagħhom u jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-ħidma tar-Rappreżentant Konġunt. L-UE hija impenjata li taħdem mill-qrib u b'mod komprensiv mas-sħab internazzjonali biex tiżgura appoġġ rapidu lis-Sirja malli sseħħ it-transizzjoni. L-UE hija impenjata wkoll li ssaħħaħ l-appoġġ tagħha bit-tisħiħ tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili li tipparteċipa f'Sirja futura. Il-gruppi kollha tal-oppożizzjoni għandhom jaqblu dwar sett ta' prinċipji kondiviżi sabiex jiksbu transizzjoni inklużiva, ordnata u paċifika.

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-ibbumbardjar mill-forzi Sirjani tat-territorju Tork u jappella lil kulħadd biex tiġi evitata l-eskalazzjoni u

lill-awtoritajiet Sirjani biex jirrispettaw bis-sħiħ l-integrità u s-sovranità territorjali tal-pajjiżi ġirien kollha. L-UE ser tkompli tipprovdi għajnuna umanitarja u tappella lid-donaturi kollha jżidu il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-aħħar appelli tan-NU. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jirrispettaw il-liġi umanitarja internazzjonali (inkluża l-invjolabbiltà tal-faċilitajiet mediċi, il-persunal u l-vetturi mediċi kollha). Il-partijiet kollha għandhom iwaqqfu kull forma ta' vjolenza, jieħdu miżuri speċjali għall-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli kollha, jippermettu aċċess sħiħ u sigur għall-għoti ta' għajnuna umanitarja fiż-żoni kollha tal-pajjiż. Dawk responsabbli għal ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jinżammu responsabbli.

20. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza t-tħassib serju u dejjem aktar profond tiegħu dwar il-programm nukleari tal-Iran u jappoġġa r-riżoluzzjoni reċenti adottata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Iran qed jaġixxi bi ksur sfaċċat tal-obbligi internazzjonali tiegħu u qed jirrifjuta li jikkoopera bis-sħiħ mal-IAEA. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jilqa' l-konklużjonijiet u l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi addizzjonali mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru bil-għan li jikseb involviment serju u sinifikanti mir-reġim Iranjan. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-approċċ fuq żewġ binarji u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-E3+3 li tinvolvi lill-Iran f'diskussjonijiet sinifikanti u kostruttivi. Ir-reġim Iranjan jista' jaġixxi b'mod responsabbli u jtemm is-sanzjonijiet, iżda dment li dan ma jsirx, l-UE tibqa' ddeterminata li, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali, żżid il-pressjoni fuq l-Iran fil-kuntest tal-approċċ fuq żewġ binarji.

21. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kriżi politika, umanitarja u tas-sigurtà li għaddejja f'Mali. Din is-sitwazzjoni hija ta' theddida immedjata għar-reġjun tas-Saħel kif ukoll għall-Afrika tal-Lvant u ta' Fuq u għall-Ewropa. L-UE hija ddeterminata li tagħti appoġġ komprensiv lil Mali, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali u reġjonali. B'mod partikolari, l-UE ser tappoġġa lil Mali fl-isforzi tiegħu li jerġa' jibni l-istat tad-dritt u jerġa' jistabbilixxi gvern demokratiku kompletament sovran b'awtorità fit-territorju kollu ta' Mali. L-UE ser terġa' tibda bil-mod il-kooperazzjoni għall-iżvilupp hekk kif jiġi adottat Pjan Direzzjonali kredibbli u kunsenswali biex jerġa' jinkiseb ordni kostituzzjonali. Sadanittant, l-UE ser issaħħaħ ir-rispons umanitarju tagħha. Barra minn hekk, l-UE ser teżamina l-appoġġ għall-forza militari internazzjonali prevista f'konformità

mar-Riżoluzzjoni 2071 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tħaffef il-pjanifikazzjoni ta' operazzjoni possibbli tal-PSDK biex tgħin ir-riorganizzazzjoni u t-taħriġ tal-forzi tad-difiża ta' Mali. L-UE ser iżżomm l-għażla li tadotta miżuri restrittivi mmirati kontra dawk involuti fil-gruppi armati fin-naħa ta' fuq ta' Mali u dawk li qed ixekklu r-ritorn għall-ordni kostituzzjonali.

* * *

*Il-Kunsill Ewropew huwa grat li l-Unjoni Ewropea ngħatat il-Premju Nobel għall-Paċi. Il-Premju huwa unur għaċ-ċittadini Ewropej kollha u għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-Kumitat tal-Premju Nobel ġustament ifakkar kif "l-Unjoni u l-prekursuri tagħha kkontribwixxew għal aktar minn sitt deċennji għall-avvanz tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa". Fi żmien ta' inċertezza, dan ir-rikonoxximent għal kisbiet passati huwa appell qawwi biex tiġi salvagwardjata u msaħħa l-Ewropa għall-ġenerazzjoni li jmiss. Konxji mill-fatt li l-avvanz ta' din il-komunità ta' interessi paċifiċi jirrikjedi attenzjoni kostanti u rieda li ma togħtorx, il-membri tal-Kunsill Ewropew iqisuha r-responsabbiltà personali tagħhom li jiżguraw li l-Ewropa tibqa' kontinent ta' progress u prosperità.*

# KUNSILL EWROPEW TAT-13–14 TA' DIĊEMBRU 2012 KONKLUŻJONIJIET

*Il-Kunsill Ewropew qabel dwar pjan direzzjonali għat-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, abbażi ta' integrazzjoni aktar profonda u solidarjetà msaħħa. Dan il-proċess ser jibda bit-tlestija, it-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-governanza ekonomika msaħħa l-ġdida, kif ukoll l-adozzjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u tar-regoli l-ġodda dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni u dwar il-garanziji tad-depożiti. Dan ser jitlesta permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni. Għadd ta' kwistjonijiet oħra importanti ser jiġu eżaminati aktar mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2013, fir-rigward tal-koordinazzjoni tar-riformi nazzjonali, id-dimensjoni soċjali tal-UEM, il-fattibbiltà u l-modalitajiet tal-kuntratti għall-kompetittività u t-tkabbir maqbula b'mod reċiproku, u mekkaniżmi ta' solidarjetà u miżuri għall-promozzjoni tal-approfondiment tas-Suq Uniku u għall-promozzjoni tal-integritá tiegħu. Matul dan il-proċess, ser jiġu żgurati l-leġittimità u r-responsabbiltà demokratiċi.*

*Il-Kunsill Ewropew nieda l-ħidma dwar is-Semestru Ewropew tal-2013 abbażi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni. Huwa ddeċieda li jniedi l-ħidma dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE u ser jirritorna għal din il-kwistjoni f'Diċembru 2013.*

## I. POLITIKA EKONOMIKA

**Pjan direzzjonali għat-tlestija tal-UEM**

1. Fid-dawl tal-isfidi fundamentali li qiegħda tiffaċċja, jeħtieġ li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) tissaħħaħ biex jiġi żgurat il-ġid ekonomiku u soċjali kif ukoll l-istabbiltà u l-prosperità sostnuta. Il-politiki ekonomiċi għandhom ikunu orjentati għalkollox lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv, l-iżgurar tad-dixxiplina baġitarja, it-tisħiħ tal-kompetittività u l-ixprunar tal-impjiegi, u b'mod partikolari l-impjiegi fost iż-żgħażagħ, sabiex l-Ewropa tibqa' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna u tippreserva l-mudell soċjali Ewropew.

2. Il-konsolidazzjoni tal-UEM tistrieħ mhux biss fuq it-tlestija tal-arkitettura tagħha, iżda wkoll fuq it-twettiq ta' politiki baġitarji differenzjati, favur it-tkabbir u sani. Filwaqt li jiġi rispettat bis-sħiħ il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-possibbiltajiet offruti mill-qafas baġitarju eżistenti tal-UE biex il-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku produttiv jiġu bbilanċjati mal-objettivi tad-dixxiplina baġitarja jistgħu jiġu sfruttati fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltá u Tkabbir.

3. B'żieda mir-rapport interim ippreżentat f'Ottubru 2012, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro, fassal pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-"Blueprint" maħruġa mill-Kummissjoni li tipprovdi analiżi komprensiva tal-kwistjonijiet rilevanti flimkien ma' valutazzjoni tal-aspetti legali tagħhom. Huwa jinnota wkoll il-kontributi magħmulin mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill Ewropew jistabbilixxi l-passi li jmiss fil-proċess tat-tlestija tal-UEM, abbażi ta' integrazzjoni aktar profonda u solidarjetà msaħħa għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

4. Il-proċess tat-tlestija tal-UEM ser jibni fuq il-qafas istituzzjonali u legali tal-UE. Huwa ser ikun miftuħ u trasparenti lejn l-Istati Membri li ma jużawx il-munita unika. Matul il-proċess l-integrità tas-Suq Uniku ser tiġi rispettata bis-sħiħ, inkluż fil-proposti leġislattivi differenti li ser isiru. Huwa wkoll importanti li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri li jieħdu parti fl-MSU u dawk li ma jiħdux parti.

5. Il-prijorità immedjata hija li jitlesta u jiġi implimentat il-qafas għal governanza ekonomika aktar soda, inkluż is-"six-pack", it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) u t-"two-pack". Wara l-progress deċiżiv miksub dwar l-elementi ewlenin tat-"two-pack", il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tiegħu mill-koleġislaturi.

6. Huwa daqstant urġenti li jsir progress lejn qafas finanzjarju aktar integrat, li jgħin għar-ritorn tas-self normali, itejjeb il-kompetittività u jgħin biex isir l-aġġustament meħtieġ fl-ekonomiji tagħna.

7. Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jikkostitwixxi pass kwalitattiv kbir lejn qafas finanzjarju aktar integrat. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq

fil-Kunsill tat-13 ta' Diċembru u jappella lill-koleġislaturi biex jaqblu malajr sabiex jippermettu l-implimentazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun. Huwa jtenni wkoll l-importanza tar-regoli l-ġodda dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għall-banek (CRR/CRD), li huma tal-akbar prijorità sabiex tiġi żviluppata ġabra unika tar-regoli, u jappella lill-partijiet kollha biex jaħdmu għall-qbil u l-adozzjoni rapida tagħhom.

8. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-koleġislaturi biex jaqblu dwar il-proposti għal Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni u għal Direttiva dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti qabel Ġunju 2013; il-Kunsill min-naħa tiegħu għandu jilħaq ftehim sa tmiem Marzu 2013. Ladarba jkunu adottati, dawn id-Direttivi għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri bħala prijorità.

9. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess is-segwitu rapidu tal-Kummissjoni għall-proposti tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar l-istruttura tas-settur bankarju tal-UE.

10. Huwa tal-akbar importanza li jinkiser iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u l-Istati. Wara d-dikjarazzjoni tas-Summit taż-żona tal-euro f'Ġunju 2012 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2012, għandu jintlaħaq qbil dwar qafas operazzjonali, li jinkludi d-definizzjoni ta' assi ta' legati, malajr kemm jista' jkun fl-ewwel semestru tal-2013, biex b'hekk meta jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju uniku effettiv, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, wara deċiżjoni regolari, ser ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament. Dan ser isir f'konformità sħiħa mas-Suq Uniku.

11. F'kuntest fejn is-superviżjoni bankarja hija trasferita effettivament għal mekkaniżmu superviżorju uniku, ser ikun meħtieġ mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, bis-setgħat meħtieġa biex jiġi żgurat li kwalunkwe bank fl-Istati Membri parteċipanti jkun jista' jiġi riżolt bl-għodod adatti. Għalhekk, għandha tiġi aċċellerata l-ħidma fuq il-proposti għal Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni u għal Direttiva dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti sabiex huma jkunu jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-paragrafu 8. F'dawn il-kwistjonijiet, huwa importanti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn pajjiżi ta' oriġini u dawk ospitanti. Il-Kummissjoni ser tippreżenta matul l-2013 proposta għal mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għall-Istati Membri parteċipanti fil-MSU, li għandha tiġi eżaminata mill-koleġislaturi bħala prijorità bl-intenzjoni li tiġi adottata matul iċ-ċiklu parlamentari attwali. Huwa għandu jissalvagwardja

l-istabbiltà finanzjarja u jiżgura qafas effettiv biex jiġu riżolti l-istituzzjonijiet finanzjarji filwaqt li jiġi protett min iħallas it-taxxi fil-kuntest ta' kriżijiet bankarji. Il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għandu jkun ibbażat fuq kontribuzzjonijiet mis-settur finanzjarju nnifsu u jinkludi arranġamenti ta' salvagwardja effettivi u adatti. Dan l-arranġament ta' salvagwardja għandu jkun newtrali f'termini ta' baġit fuq it-terminu medju, billi jiżgura li l-imposti *ex post* fuq l-industrija finanzjarja jagħmlu tajjeb għall-assistenza pubblika.

12. Sabiex l-UEM tiżgura tkabbir ekonomiku, kompetittività fil-kuntest globali u impjiegi fl-UE u b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, ser ikun meħtieġ li jiġu eżaminati aktar għadd ta' kwistjonijiet importanti oħra relatati mal-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u linji gwida ta' politika ekonomika taż-żona tal-euro, inklużi miżuri għall-promozzjoni tal-approfondiment tas-Suq Uniku u għall-promozzjoni tal-integrità tiegħu. Għal dan il-għan, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, wara proċess ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, ser jippreżenta lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2013 miżuri possibbli u pjan direzzjonali marbut biż-żmien dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) koordinazzjoni ta' riformi nazzjonali: l-Istati Membri parteċipanti ser jiġu mistiedna jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TSKG, li r-riformi kollha l-kbar ta' politika ekonomika li huma beħsiebhom iwettqu ser jiġu diskussi *ex ante* u, fejn adatt, ikkoordinati bejniethom. Tali koordinazzjoni għandha tinvolvi l-istituzzjonijiet tal-UE kif meħtieġ mid-dritt tal-UE għal dan il-għan. Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel proposta għal qafas għal koordinazzjoni *ex ante* ta' riformi kbar tal-politika ekonomika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew;

(b) id-dimensjoni soċjali tal-UEM, inkluż id-djalogu soċjali;

(c) il-fattibbiltà u l-modalitajiet tal-kuntratti għall-kompetittività u t-tkabbir maqbula b'mod reċiproku: arranġamenti individwali ta' natura kuntrattwali mal-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jsaħħu s-sjieda u l-effettività. Tali arranġamenti għandhom ikunu differenzjati skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri. Dan ikun jinvolvi l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, iżda l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro wkoll jistgħu jagħżlu li jidħlu f'arranġamenti simili;

(d) mekkaniżmi ta' solidarjetà li jistgħu jsaħħu l-isforzi magħmula mill-Istati Membri li jidħlu f'tali arranġamenti kuntrattwali għall-kompetittività u t-tkabbir.

13. Il-governanza fiż-żona tal-euro għandha tittejjeb aktar, abbażi tat-TSKG u b'kont meħud tad-dikjarazzjoni tas-Summit taż-żona tal-euro tas-26 ta' Ottubru 2011. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro ser ikunu mistiedna jadottaw regoli ta' proċedura għal-laqgħat tagħhom fil-laqgħa tagħhom ta' Marzu 2013, b'rispett sħiħ għall-Artikolu 12.3 TSKG.

14. Matul il-proċess, l-għan ġenerali jibqa' li jiġu żgurati l-leġittimità u r-responsabbiltà demokratiċi fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet. Ser ikun meħtieġ li kwalunkwe pass ġdid lejn it-tisħiħ tal-governanza ekonomika jkun akkumpanjat minn passi oħra lejn leġittimità u responsabbiltà aktar b'saħħithom. Fil-livell nazzjonali, passi lejn integrazzjoni akbar tal-oqfsa tal-politika baġitarja u ekonomika jkunu jeħtieġu li l-Istati Membri jiżguraw l-involviment opportun tal-parlamenti tagħhom. Integrazzjoni akbar tat-tfassil tal-politika u akkomunament akbar ta' kompetenzi jridu jiġu akkumpanjati minn involviment paragunabbli tal-Parlament Ewropew. Mekkaniżmi ġodda li jżidu l-livell ta' kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 13 tat-TSKG u l-Protokoll Nru 1 għat-Trattati, jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-proċess. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali ser jiddeterminaw flimkien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' konferenza tar-rappreżentanti tagħhom biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-UEM.

**Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir**

15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni f'waqtha tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) mill-Kummissjoni, li jagħti bidu għas-semestru Ewropew tal-2013. Huwa jaqbel li l-isforzi fil-livell nazzjonali u Ewropew fl-2013 għandhom ikomplu jikkonċentraw fuq il-ħames prijoritajiet maqbula f'Marzu li għadda, notevolment:

- ħidma fuq konsolidazzjoni baġitarja differenzjata u favorevoli għat-tkabbir,
- ritorn tas-self normali fl-ekonomija,
- promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività,

– indirizzarr tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u
– modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

16. Il-Kunsill ser jeżamina f'aktar dettall il-pakkett tas-SAT skont il-pjan direzzjonali ppreżentat mill-Presidenza li jmiss u filwaqt li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-rapport tal-Presidenza dwar it-tagħlimiet miksuba mis-Semestru Ewropew tal-2012, bil-ħsieb li jagħti l-fehmiet tiegħu fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2013. Il-Kunsill Ewropew imbagħad jaqbel dwar il-gwida meħtieġa għall-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-UE. Il-Kummissjoni hija mistiedna tinkludi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir li jmiss tagħha valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-swieq tax-xogħol u l-prodotti bil-ħsieb tal-promozzjoni tal-impjiegi u t-tkabbir.

17. It-tlestija tas-Suq Uniku tista' tikkontribwixxi ħafna għat-tkabbir u l-impjiegi u tikkostitwixxi element ewlieni tar-reazzjoni tal-UE għall-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali. Il-Kunsill Ewropew wiżen is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-proposti prijoritarji tal-Att dwar is-Suq Uniku I (SMA I) u laqa' l-qbil li ntlaħaq fost l-Istati Membri parteċipanti dwar il-Privattiva Unitarja kif ukoll il-qbil dwar ir-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u r-Riżoluzzjoni Online tat-Tilwim għal kwistjonijiet li jinvolvu l-konsumaturi. Huwa jappella lill-koleġislaturi biex jikkonkludu b'urġenza l-fajls li baqa' dwar l-SMA I. B'mod partikolari, għandha titħaffef il-ħidma dwar il-kwalifiki professjonali, l-akkwist pubbliku, l-istazzjonar ta' ħaddiema u l-firma elettronika u l-identifikazzjoni elettronika. Fir-rigward tal-Att dwar is-Suq Uniku II, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti ewlenin kollha sar-rebbiegħa 2013. Huwa jistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu l-ogħla prijorità lil dawn il-proposti bil-ħsieb li jiġu adottati mhux aktar tard minn tmiem iċ-ċiklu parlamentari attwali. Huwa importanti wkoll li tittieħed azzjoni urġenti f'konformità mal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi u dwar il-governanza tas-Suq Uniku. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' janalizza mill-qrib il-progress fuq il-proposti kollha dwar is-suq uniku.

18. Il-Kunsill Ewropew jappella għal eżami rapidu tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-"Regolamentazzjoni Intelliġenti" u jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tal-ewwel tabella ta' valutazzjoni għall-SMEs. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposti mill-Kummissjoni biex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji

u jitneħħew ir-regolamenti li m'għadhomx jintużaw bħala parti mill-approċċ ġenerali tagħha għar-"Regolamentazzjoni Intelliġenti". Huwa jistenna b'interess il-progress konkret u rapport lura fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2013.

19. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ta' Jannar 2012 u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tiegħu f'Marzu, Ġunju u Ottubru, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar matul is-sena lejn approċċ komprensiv tal-UE għall-impjieg taż-żgħażagħ. Huwa jappella lill-Kunsill biex jikkunsidra l-proposti tal-Pakkett għall-Impjieg taż-Żgħażagħ mingħajr dewmien, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi adottata r-rakkomandazzjoni dwar Garanzija għaż-Żgħażagħ f'data bikrija fl-2013 b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet nazzjonali. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tiffinalizza malajr il-qafas ta' kwalità għall-perijodi ta' taħriġ, tistabbilixxi l-Alleanza għall-Apprendistati kif ukoll tipproponi r-regolament EURES il-ġdid. Il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw segwitu rapidu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Reviżjoni tal-Edukazzjoni".

## II. PUNTI OĦRAJN

### Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

20. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2008 u jinnota li fid-dinja li qed tinbidel tal-lum l-Unjoni Ewropea hija mitluba ġġorr aktar responsabbiltajiet fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali sabiex tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha u l-promozzjoni tal-interessi tagħha.

21. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jibqa' kommess li jsaħħaħ l-effettività tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) bħala kontribut tanġibbli tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet internazzjonali. L-UE għandha rwol importanti fil-viċinat tagħha u globalment. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK huma element essenzjali tal-approċċ komprensiv tal-UE f'reġjuni ta' kriżi, bħall-Balkani tal-Punent, il-Qarn tal-Afrika, il-Lvant Nofsani, is-Saħel, l-Afganistan u l-Kawkasu tan-Nofsinhar u jibqa' kommess li jżid l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali tagħhom. Huwa jfakkar ukoll li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni

mill-qrib ma' atturi internazzjonali oħra rilevanti, bħan-NU, in-NATO, l-OSKE u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll pajjiżi sħab, kif titlob kull sitwazzjoni speċifika. F'dan ir-rigward huwa ta' importanza partikolari li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab interessati fil-viċinat tal-Ewropa.

22. Biex titwettaq il-ħidma marbuta mar-responsabbiltajiet tas-sigurtà, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-Istati Membri tal-UE jridu jkunu lesti jipprovdu kapaċitajiet orjentati lejn il-ġejjieni, kemm fil-qasam ċivili kif ukoll f'dak tad-difiża. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li r-restrizzjonijiet finanzjarji attwali jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea sabiex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari u jingħalqu l-lakuni kritiċi, inklużi dawk identifikati f'operazzjonijiet reċenti. Huwa jissottolinja wkoll il-benefiċċji li kooperazzjoni bħal din jista' jkollha għall-impjiegi, it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali fl-Unjoni Ewropea.

23. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli, partikolarment permezz tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, kif ukoll tal-Kummissjoni, li lkoll jaġixxu skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u jikkooperaw mill-qrib kif meħtieġ, biex jiżviluppaw aktar proposti u azzjonijiet biex tissaħħaħ il-PSDK u titjieb id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ċivili u militari meħtieġa, u jirrapportaw dwar dawn l-inizjattivi, mhux aktar tard minn Settembru 2013 fid-dawl tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013. L-Istati Membri ser ikunu involuti mill-qrib matul dan il-proċess kollu.

24. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jenfasizza fost oħrajn il-kwistjonijiet li ġejjin:

*Jiżdiedu l-effettività, il-viżibbiltà u l-impatt tal-PSDK billi:*

- jiġi żviluppat aktar l-approċċ komprensiv għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-ġestjoni ta' kriżijiet u l-istabbilizzazzjoni, inkluż billi tiġi żviluppata l-kapaċità li tingħata tweġiba għall-isfidi tas-sigurtà emerġenti,
- tissaħħaħ l-abbiltà tal-UE li tistazzjona l-kapaċitajiet u l-persunal ċivili u militari adatti b'mod rapidu u effettiv fil-firxa sħiħa tal-azzjoni għall-ġestjoni ta' kriżijiet.

*It-tisħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża billi:*

– jiġu identifikati l-affarijiet inutli u n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet eżistenti u tingħata prijorità lill-ħtiġijiet futuri għall-kapaċitajiet ċivili u militari Ewropej,
– tiġi ffaċilitata kooperazzjoni Ewropea aktar sistematika u fit-tul fil-qasam tad-difiża, inkluż permezz ta' "akkomunament u kondiviżjoni" tal-kapaċitajiet militari; u f'dan ir-rigward, billi titqies mill-bidu b'mod sistematiku l-kooperazzjoni fl-ippjanar nazzjonali tad-difiża mill-Istati Membri,
– jiġu ffaċilitati s-sinerġiji bejn inizjattivi bilaterali, subreġjonali, Ewropej u multilaterali, inkluż l-"akkomunament u kondiviżjoni" tal-UE u d-"difiża intelliġenti" tan-NATO.

*It-tisħiħ tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa billi:*

– tiġi żviluppata bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva,
– jiġu żviluppati sinerġiji akbar bejn ir-riċerka u l-iżvilupp militari u ċivili; jiġi promoss suq tad-difiża li jaħdem tajjeb, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku u dwar trasferimenti fl-UE, miftuħ għall-SMEs u li jibbenefika mill-kontribuzzjonijiet tagħhom.

25. F'Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew ser janalizza l-progress fil-kisba ta' dawn il-miri, jivvaluta s-sitwazzjoni u, abbażi tar-rakkommandazzjonijiet mill-President tiegħu, jagħti gwida, inkluż billi jiġu stabbiliti prijoritajiet u skadenzi, biex tiġi żgurata l-effettività tal-isforzi tal-UE bil-għan li jitwettqu r-responsabbiltajiet ta' sigurtà tal-Ewropa.

## Strateġiji Reġjonali

26. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2011, u soġġett għall-evalwazzjoni tal-kunċett tal-istrateġiji makroreġjonali kif previst fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' April 2011, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' Strateġija ġdida tal-UE għar-reġjun Adrijatiku u Jonju qabel tmiem l-2014. Huwa jappella wkoll għall-implimentazzjoni immedjata tal-istrateġija riveduta tal-UE għall-Baħar Baltiku. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex jieħu azzjoni ulterjuri sabiex isir użu sħiħ tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-sħubijiet tagħha.

## It-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

27. Il-Kunsill Ewropew jilqa' u japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

## Sirja

28. Il-Kunsill Ewropew jinsab ixxukkjat bis-sitwazzjoni li qed tkompli tiddeterjora fis-Sirja. Huwa japprova l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll ir-riżultati tar-raba' laqgħa Ministerjali tal-Grupp tal-Ħbieb tal-poplu Sirjan, li saret f'Marrakech fit-12 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill Ewropew jinkariga lill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin biex jaħdem fuq l-għażliet kollha ta' appoġġ u għajnuna lill-oppożizzjoni u biex jippermetti appoġġ akbar għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili. Il-Kunsill Ewropew jirrepeti fehemtu li fis-Sirja hi meħtieġa transizzjoni politika lejn futur mingħajr il-President Assad u r-reġim illeġittimu tiegħu. Aħna nappoġġaw futur li huwa demokratiku u inklużiv bl-appoġġ sħiħ għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jindirizza b'urġenza s-sitwazzjoni fis-Sirja.

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

**Regoli għall-organizzazzjoni tal-proċedimenti tas-Summits taż-Żona tal-Euro**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 47 pp. — 17.6 x 25.0 cm

ISBN 978-92-824-3905-0
doi:10.2860/93072

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm), mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm) jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QC-30-13-400-MT-C

Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 22816111

*www.european-council.europa.eu*
*www.consilium.europa.eu*
*www.eurozone.europa.eu*

doi:10.2860/93072

ISBN 978-92-824-3905-0

9 789282 439050

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet